REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 514/2008

tad-9 ta' Ġunju 2008

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 376/2008 li jistabbilixxi regoli ddettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzji ta' l-importazzjoni u ta' l-esportazzjoni u taċ-ċertifikati bl-iffissar bil-quddiem għall-prodotti agrikoli, kif ukoll ir-Regolamenti (KE) Nru 1439/95, (KE) Nru 245/2001, (KE) Nru 2535/2001, (KE) Nru 1342/2003, (KE) Nru 2336/2003, (KE) Nru 1345/2005, (KE) Nru 2014/2005, (KE) Nru 951/2006, (KE) Nru 1918/2006, (KE) Nru 341/2007, (KE) Nru 1002/2007, (KE) Nru 1580/2007, u (KE) Nru 382/2008 u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 1119/79

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 59(3) u 62(1) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [2], u b'mod partikolari l-Artikoli 134 u 161(3) flimkien ma' l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Mill-1 ta' Lulju 2008 se jibda japplika r-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għall-oqsma ewlenin ta' l-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli, kif ipprovdut fl-Artikolu 204 tiegħu. B'hekk, il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri meħtieġa sabiex temenda jew tħassar ir-Regolamenti settorjali kkonċernati, sabiex tiżgura li dan jiġi implimentat sewwa minn dik id-data.

(2) L-Artikolu 130 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi li, mingħajr preġudizzju għall-każijiet fejn huma meħtieġa l-liċenzji ta' l-importazzjoni skond dak ir-Regolament, il-Kummissjoni tista' timporta wieħed jew aktar mill-prodotti koperti mill-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli jekk tiġi ppreżentata l-liċenzja ta' l-importazzjoni. Ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jeħtieġ il-liċenzji ta' l-importazzjoni min-naħa waħda għall-ġestjoni tar-reġim ta' l-importazzjoni għar-ross imnaddaf mill-ħliefa u dak mitħun, sabiex jitqiesu l-kwantitajiet li se jiġu importati, u min-naħa l-oħra għall-ġestjoni tar-reġim ta' l-importazzjoni għaz-zokkor skond l-arranġamenti preferenzjali.

(3) F'dak li għandu x'jaqsam ma' l-esportazzjonijiet, l-Artikolu 167 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jiddikjara li r-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni għandhom jingħataw biss għall-prodotti mniżżlin fl-Artikolu 162(1) ta' dak ir-Regolament jekk wieħed jippreżenta liċenzja ta' l-esportazzjoni. F'konformità ma' l-Artikolu 161 ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni tista' tesporta wieħed jew aktar mill-prodotti jekk tiġi ppreżentata l-liċenzja ta' l-esportazzjoni.

(4) Għall-finijiet tal-ġestjoni ta' l-importazzjonijiet u ta' l-esportazzjonijiet, il-Kummissjoni ngħatat is-setgħa li tiddeċiedi liema huma l-prodotti li, meta jkunu importati u/jew esportati, se jkunu jeħtieġu l-preżentazzjoni ta' liċenzja. Hija u tanalizza l-ħtiġijiet ta' sistema tal-liċenzji, il-Kummissjoni għandha tqis l-istrumenti xierqa għall-ġestjoni tas-swieq u b'mod partikulari għall-monitoraġġ ta' l-importazzjonijiet.

(5) Din is-sitwazzjoni toffri ċ-ċans li jiġu eżaminati fid-dettall ir-regoli eżistenti fl-oqsma differenti tas-suq u li jiġu meqjusa mill-ġdid il-prattiki attwali għal-liċenzjar sabiex dawn ikunu ssimplifikati u sabiex lill-Istati Membri u lill-operaturi jittaffielhom il-piż amministrattiv. Għall-finijiet taċ-ċarezza, ir-regoli għandhom jiddaħħlu fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 376/2008 tat-23 ta' April 2008 li jistabbilixxi regoli ddettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzji ta' l-importazzjoni u ta' l-esportazzjoni u ta' ċertifikati ta' ffissar bil-quddiem għal prodotti agrikoli [3].

(6) Sistema tal-liċenzji hija l-mekkaniżmu xieraq għall-ġestjoni tal-kwoti tat-tariffi għall-importazzjoni u għall-esportazzjoni b'metodu ieħor u mhux b'dak ibbażat fuq l-ordni kronoloġika ta' meta tressqu l-applikazzjonijiet, skond il-prinċipju li min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel, minħabba l-volum limitat ikkonċernat u l-għadd kbir ta' kwantitajiet li tressqet applikazzjoni għalihom.

(7) Sistema tal-liċenzji hija meqjusa l-mekkaniżmu l-iktar xieraq biex isir monitoraġġ ta' ċerti prodotti agrikoli importati skond kundizzjonijiet preferenzjali, meta wieħed iqis il-vantaġġ siewi li toffri r-rata mnaqqsa tad-dazju applikabbli u l-ħtieġa urġenti li jitbassar iċ-ċaqliq fis-suq.

[1] ĠU L 179, 14.7.1999, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1781/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

[2] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 248/2007 (ĠU L 76, 19.3.2008, p. 6).

[3] ĠU L 114, 26.4.2008, p. 3.

(8) Meta wieħed iqis il-firxa wiesgħa ta' regoli ddettaljati u ta' dispożizzjonijiet tekniċi implimentati fl-oqsma tas-suq sabiex tkun amministrata l-esportazzjoni bil-beneficċju tar-rifużjonijiet, huwa meqjus li, f'dan l-istadju, huwa iktar xieraq li jinżammu dawk id-dispożizzjonijiet fir-Regolamenti settorjali.

(9) Fil-qasam taċ-ċereali, il-liċenzji ta' l-importazzjoni u ta' l-esportazzjoni jridu jitqiesu bħala indikatur taċ-ċaqliq fit-terminu medju taż-żmien u ta' l-evoluzzjoni prevedibbli tas-suq. Huma jirrappreżentaw strument ewlieni sabiex ikun hemm karta tal-bilanċ tas-suq, li għandha tintuża meta wieħed ikun qed janalizza l-kundizzjonijiet tal-bejgħ mill-ġdid tal-ħażniet ta' l-intervent fis-suq intern jew għall-esportazzjoni, jew biex wieħed jiddetermina jekk għandhiex tiġi applikata taxxa fuq l-esportazzjoni. F'dak ir-rigward, għall-ispelt, għall-qamħ komuni u għat-taħlitiet ta' ċereali, għax-xgħir, għall-qamħirrun, għas-sorgu, għall-qamħ tat-tip durum, għad-dqiq mill-qamħ komuni u mill-ispelt, u għall-kassava l-importazzjoni għandha tkun suġġetta għall-preżentazzjoni ta' liċenzja, filwaqt li għall-ispelt, għall-qamħ komuni u għat-taħlitiet ta' ċereali, għax-xgħir, għall-qamħirrun, għall-qamħ tat-tip durum, għas-segala, għall-ħafur u għad-dqiq mill-qamħ komuni u mill-ispelt, l-esportazzjoni għandha tkun suġġetta għall-preżentazzjoni ta' liċenzja, minħabba l-importanza ewlenija tagħhom fil-flussi kummerċjali u fis-suq domestiku.

(10) Fil-qasam tar-ross, it-tagħrif li jipprovdu l-liċenzji dwar l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet prevedibbli jservi bħala l-bażi għas-sorveljanza tas-suq, b'mod partikulari minħabba l-importanza tar-ross fil-konsum domestiku. Dan jintuża wkoll biex jiġi mmonitorjat kemm qed jiġu rrispettati l-linji tat-tariffi għall-prodotti simili. Barra minn hekk, il-liċenzji li jinħarġu għandhom jitqiesu huma u jiġu kkalkulati d-dazji fuq l-importazzjoni għar-ross imnaddaf mill-ħliefa u dak miṫhun skond l-Artikoli 137 u 139 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007. Minħabba f'hekk, il-liċenzji ta' l-importazzjoni għandhom ikunu meħtieġa għar-ross imnaddaf mill-ħliefa, għar-ross miṫhun, għar-ross nofsu miṫhun u għar-ross imfarrak, waqt li l-liċenzji ta' l-esportazzjoni għandhom ikunu meħtieġa għar-ross imnaddaf mill-ħliefa, miṫhun u nofsu miṫhun.

(11) Għaz-zokkor, il-monitoraġġ tas-suq huwa importanti ħafna u huwa meħtieġ għarfien tajjeb ta' l-esportazzjonijiet. Minħabba f'hekk, l-esportazzjonijiet taz-zokkor għandhom jiġu mmonitorjati u jkunu suġġetti għall-preżentazzjoni tal-liċenzji. F'dak li għandu x'jaqsam ma' l-importazzjonijiet, il-ħtieġa ta' liċenzja għandha tkun limitata għall-importazzjonijiet li jkunu qed igawdu minn dazji preferenzjali fuq l-importazzjoni, mingħajr preġudizzju għall-importazzjonijiet li jkunu suġġetti għall-kwoti tat-tariffi.

(12) Sabiex jiġi evitat li l-pjanti illeċiti tal-qanneb itellfu l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-qanneb għall-ħjut, għandha ssir dispożizzjoni sabiex ikun hemm kontrolli fuq l-importazzjonijiet tal-qanneb u taż-żerriegħa tal-qanneb sabiex jiġi żgurat li dawn it-tip ta' prodotti joffru ċerti garanziji fir-rigward tal-kontenut tat-tetraidrokannabinol. Għaldaqstant għandu jkun hemm dispożizzjoni dwar il-ħruġ tal-liċenzji għal din it-tip ta' importazzjoni.

(13) Għall-frott u l-ħxejjex, it-tagħrif miskub mil-liċenzji ta' l-importazzjoni għandu jintuża sabiex jiġi mmonitorjat kemm qed jiġu rrispettati l-linji tat-tariffi għall-prodotti simili bħat-tewm imnixxef jew iffriżat, jew sabiex ikunu amministrati l-kwoti ta' rati tat-tariffi.

(14) Dan l-aħħar, il-produtturi tat-tuffieħ fil-Komunità sabu lilhom infushom f'sitwazzjoni diffiċili, fost affarijiet oħra, minħabba żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet tat-tuffieħ minn ċerti pajjiżi terzi ta' l-emisferu tan-Nofsinhar. Għaldaqstant, għandu jittejjeb il-monitoraġġ ta' l-importazzjoni tat-tuffieħ. L-istrument xieraq sabiex jinkiseb dan il-għan huwa mekkaniżmu bbażat fuq il-ħruġ tal-liċenzji ta' l-importazzjoni, kif ipprovdut fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2201/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex [1]. F'dak li għandu x'jaqsam mal-banana, il-liċenzji ta' l-importazzjoni huma meħtieġa skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2014/2005 tad-9 ta' Diċembru 2005 dwar il-liċenzji taħt l-arranġamenti għall-importazzjoni tal-banana lejn il-Komunità f'dak li jirrigwarda l-banana li tkun tqiegħdet fiċ-ċirkulazzjoni ħielsa bir-rata tad-dazju tat-tariffa doganali komuni [2] [*traduzzjoni mhix uffiċjali*]. Sabiex tingħata stampa sħiħa tal-prodotti li huma suġġetti għal-liċenzji, ir-rekwiżiti rilevanti għandhom jiddaħħlu wkoll fir-Regolament (KE) Nru 376/2008.

(15) Għall-prodotti tal-ħalib, it-tagħrif dwar l-importazzjonijiet bid-dazju mnaqqas prevedibbli li jipprovdu l-liċenzji huwa importanti għas-sorveljanza tas-suq. F'dak li għandu x'jaqsam ma' l-importazzjonijiet b'rata mqaqqsa tad-dazju għal-laħam taċ-ċanga, għandha ssir dispożizzjoni sabiex ikun hemm sistema ta' liċenzji għal ċerti prodotti, sabiex jiġi mmonitorjat il-volum tan-negozju ma' pajjiżi terzi.

(16) L-importazzjonijiet ta' l-alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola wkoll għandhom ikunu suġġetti għall-preżentazzjoni tal-liċenzji minħabba l-ħtieġa li jkun hemm sorveljanza tas-suq fil-każ ta' industrija sensittiva.

(17) Sabiex tintwera stampa ċara u sħiħa ta' l-obbligi fir-rigward tal-liċenzji tan-negozju fil-prodotti agrikoli, fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 376/2008 għandha titniżżel il-lista ta' l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet li huma suġġetti għar-rekwiżiti kkonċernati.

[1] ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 292/2008 (ĠU L 90, 2.4.2008, p. 3).

[2] ĠU L 324, 10.12.2005, p. 3.

(18) Għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 4(1)(d) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008, għandhom jitniżżlu l-kwantitajiet massimi tal-prodotti li għalihom m'hemmx għalfejn jintwerew iċ-ċertifikati ta' l-importazzjoni u ta' l-esportazzjoni u ta' l-iffissar bil-quddiem, dejjem jekk l-importazzjoni u l-esportazzjoni ma tkunx qed titwettaq taħt arranġamenti preferenzjali. Il-lista tal-prodotti kkonċernati għandha tinbidel fil-kuntest ta' l-emendi li qed isiru fl-obbligi ta' l-illiċenzjar.

(19) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 376/2008 u r-Regolamenti li ġejjin għandhom jinbidlu kif xieraq:

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1439/95 tas-26 ta' Ġunju 1995 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3013/89 fir-rigward ta' l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' prodotti fis-settur tal-laħam tannagħaġ u l-laħam tal-mogħoż [1];

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 245/2001 tal-5 ta' Frar 2001 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1673/2000 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-kittien u l-qanneb ikkoltivati għall-fibra [2];

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2535/2001 ta' l-14 ta' Diċembru 2001 li jipprovdi regoli dettaljati biex ikun applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 rigward l-arranġamenti ta' l-importazzjoni tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib u biex jinfetħu kwoti tat-tariffa [3];

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1342/2003 tat-28 ta' Lulju 2003 li jistabbilixxi regoli speċjali u dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzji ta' l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' ċereali u ross [4];

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2336/2003 tat-30 ta' Diċembru 2003 li jintroduċi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 670/2003 li jippreskrivi miżuri speċifiċi rigward is-suq fl-etil-alkol [alkoħol etiliku] ta' oriġini agrikola [5];

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1345/2005 tas-16 ta' Awwissu 2005 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzji ta' l-importazzjoni għaż-żejt taż-żebbuġa [6] [*traduzzjoni mhix uffiċjali*];

— Ir-Regolament (KE) Nru 2014/2005;

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta' Ġunju 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 f'dak li għandu x'jaqsam mannegozju fil-qasam taz-zokkor ma' pajjiżi terzi [7] [*traduzzjoni mhix uffiċjali*];

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1918/2006 ta' l-20 ta' Diċembru 2006 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota tat-tariffa għaż-żejt taż-żebbuġa li joriġina mit-Tuneżija [8] [*traduzzjoni mhix uffiċjali*];

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 341/2007 tad-29 ta' Marzu 2007 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji u li jintroduċi sistema għal liċenzji ta' l-importazzjoni u ċertifikati ta' oriġini għat-tewm u għal ċerti prodotti agrikoli oħra importati minn pajjiżi terzi [9];

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1002/2007 tad-29 ta' Awwissu 2007 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2184/96 li jikkonċerna l-importazzjonijiet fil-Komunità tar-ross li joriġina u ġej mill-Eġittu [10];

— Ir-Regolament (KE) Nru 1580/2007;

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 382/2008 tal-21 ta' April 2008 dwar ir-regoli ta' l-applikazzjoni għal-liċenzji ta' l-importazzjoni u ta' l-esportazzjoni fis-settur tal-laħam taċ-ċanga u l-vitella (Riformolat) [11].

(20) Għaldaqstant, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1119/79 tas-6 ta' Ġunju 1979 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet speċjali għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni għaż-żrieragħ [12] għandu jitħassar kif xieraq.

(21) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

[1] ĠU L 143, 27.6.1995, p. 7. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 272/2001 (ĠU L 41, 10.2.2001, p. 3).
[2] ĠU L 35, 6.2.2001, p. 18. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2006 (ĠU L 365, 21.12.2006, p. 52).
[3] ĠU L 341, 22.12.2001, p. 29. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1565/2007 (ĠU L 340, 22.12.2007, p. 37).
[4] ĠU L 189, 29.7.2003, p. 12. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1996/2006 (ĠU L 398, 30.12.2006, p. 1).
[5] ĠU L 346, 31.12.2003, p. 19.
[6] ĠU L 212, 17.8.2005, p. 13.
[7] ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1568/2007 (ĠU L 340, 22.12.2007, p. 62).
[8] ĠU L 365, 21.12.2006, p. 84.
[9] ĠU L 90, 30.3.2007, p. 12.
[10] ĠU L 226, 30.8.2007, p. 15.
[11] ĠU L 115, 29.4.2008, p. 10.
[12] ĠU L 139, 7.6.1979, p. 13. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 3886/86 (ĠU L 361, 20.12.1986, p. 18).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 376/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

1. Ħlief għal ċerti derogi mniżżlin fir-regoli Komunitarji li huma speċifiċi għal ċerti prodotti, b'mod partikolari għall-prodotti li jissemmew fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3448/93 (*) u fir-regoli li jimplimentawh, dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli komuni għall-implimentazzjoni tas-sistema tal-liċenzji ta' l-importazzjoni u ta' l-esportazzjoni u taċ-ċertifikati bl-iffissar bil-quddiem (minn hawn 'il quddiem imsejħin 'il-liċenzji' u 'ċ-ċertifikati' rispettivament) li dwarha hemm dispożizzjoni fil-Parti III, fil-Kapitoli II u III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 (**) u fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 (***) jew stabbilita f'dan ir-Regolament.

2. Liċenzja jew ċertifikat għandu jintwera għall-prodotti li ġejjin:

(a) fil-każ ta' l-importazzjoni, meta l-prodotti jkunu ddikjarati li huma għaċ-ċirkulazzjoni ħielsa:

(i) prodotti mniżżlin fil-Parti 1 ta' l-Anness II, importati bil-kundizzjonijiet kollha, ħlief dawk li jkunu importati taħt il-kwoti tat-tariffa, sakemm ma jkunx hemm dispożizzjoni mod ieħor fiha,

(ii) prodotti importati taħt il-kwoti tat-tariffa amministrati b'metodi oħrajn u mhux b'dak ibbażat fuq l-ordni kronoloġika ta' meta tressqu l-applikazzjonijiet, skond il-prinċipju li min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel, skond l-Artikoli 308a, 308b u 308ċ tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 (****),

(iii) prodotti importati taħt il-kwoti tat-tariffa amministrati b'metodu bbażat fuq l-ordni kronoloġika ta' meta tressqu l-applikazzjonijiet, skond l-Artikoli 308a, 308b u 308ċ tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93, imsemmijin b'mod speċifiku fil-Parti I ta' l-Anness II ta dan ir-Regolament;

(b) fil-każ ta' l-esportazzjoni:

(i) prodotti mniżżlin fil-Parti II ta' l-Anness II,

(ii) prodotti msemmijin fl-Artikolu 162(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 li għalihom ġiet iffissata rifużjoni fuq l-esportazzjoni, inkluż dik b'ammont żero, jew li għalihom ġiet iffissata taxxa fuq l-esportazzjoni,

(iii) prodotti esportati taħt kwoti jew li għalihom tkun trid tiġi ppreżentata liċenzja ta' l-esportazzjoni biex jiddaħħlu fil-kwota amministrata minn pajjiż terz u li tkun infetħet f'dak il-pajjiż għall-prodotti importati mill-Komunità.

3. Għall-prodotti msemmijin fil-paragrafi 2(a)(i), 2(a)(iii) u 2(b)(i), għandhom japplikaw l-ammont tal-garanzija u l-perjodu tal-validità mniżżlin fl-Anness II.

Għall-prodotti msemmijin fil-paragrafi 2(a)(ii), 2(b)(ii) u 2(b)(iii), għandhom japplikaw ir-regoli speċifiċi dwar l-implimentazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-perjodu tal-validità u ma' l-ammont tal-garanzija, imniżżlin fir-regoli Komunitarji speċifiċi għal dawk il-prodotti.

4. Għall-finijiet tas-sistema tal-liċenzji ta' l-esportazzjoni u taċ-ċertifikati bl-iffissar bil-quddiem imsemmija fil-paragrafu 1, meta tkun ġiet iffissata rifużjoni għal prodotti li mhumiex imniżżlin fil-Parti II ta' l-Anness II u meta operatur ma japplikax għar-rifużjoni, dak l-operatur ma għandux ikun mitlub jippreżenta liċenzja jew ċertifikat għall-esportazzjoni tal-prodotti kkonċernati.

(*) ĠU L 318, 20.12.1993, p. 18.
(**) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
(***) ĠU L 179, 14.7.1999, p. 1.
(****) ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1."

(2) Fl-Artikolu 7 għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"8. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 1(3), il-perjodu tal-validità tal-liċenzji ta' l-importazzjoni u ta' l-esportazzjoni u taċ-ċertifikati bl-iffissar bil-quddiem għandu jkun dak stabbilit għal kull prodott fl-Anness II."

(3) Fl-Artikolu 14, il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 1(3), l-ammont tal-garanzija li japplika għal-liċenzji u ċ-ċertifikati maħruġin għall-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet għandu jkun dak stabbilit fl-Anness II. Fil-każ ta' l-iffissar ta' taxxa ta' l-esportazzjoni, jista' jkun japplika wkoll ammont addizzjonali.

L-ebda applikazzjoni għal liċenzja jew għal ċertifikat m'għandha tiġi aċċettata sakemm ma tkunx ingħatat garanzija xierqa lill-korp kompetenti sa mhux aktar tard mis-1 ta' wara nofsinhar ta' dakinhar stess meta titressaq l-applikazzjoni."

(4) L-Anness II huwa mibdul bit-test ta' l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Il-laħam tan-nagħaġ u l-laħam tal-mogħoż

Ir-Regolament (KE) Nru 1439/95 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli ddettaljati speċifiċi għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzji ta' l-importazzjoni u ta' l-esportazzjoni u taċ-ċertifikati bl-iffissar bil-quddiem implimentata bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 376/2008 (*) għall-prodotti mniżżlin fil-Parti XVIII ta' l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 (**).

2. Għandhom japplikaw ir-Regolament (KE) Nru 376/2008 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 (***), sakemm ma jkunx hemm dispożizzjoni mod ieħor f'dan ir-Regolament.

(*) ĠU L 114, 26.4.2008, p. 3.
(**) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
(***) ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13."

(2) L-Artikolu 2 huwa mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

1. Il-prodotti li għalihom għandha tintwera liċenzja huma mniżżlin fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008.

2. It-Titolu II ta' dan ir-Regolament għandu japplika għall-importazzjonijiet ta' kull wieħed mill-prodotti mniżżlin fil-Parti XVIII ta' l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 (*) importati taħt il-kwoti tat-tariffa amministrati b'metodi oħrajn u mhux b'dak ibbażat fuq l-ordni kronoloġika ta' meta tressqu l-applikazzjonijiet, skond l-Artikoli 308a, 308b u 308ċ tar-Regolament (KE) Nru 2454/93 (**).

(*) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
(**) ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1."

(3) L-Artikoli 4, 5 u 6 huma mħassrin.

Artikolu 3

Il-qanneb u l-kittien

Ir-Regolament (KE) Nru 245/2001 huwa emendat kif ġej:

Fl-Artikolu 17a(1), għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Għall-prodotti mniżżlin fit-Taqsimiet D, F, u L fil-Parti I ta' l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 376/2008 (*), il-perjodu tal-validità tal-liċenzja ta' l-importazzjoni għandu jkun dak stabbilit f'dawk it-taqsimiet.

(*) ĠU L 114, 26.4.2008, p. 3."

Artikolu 4

Il-prodotti tal-ħalib

Ir-Regolament (KE) Nru 2535/2001 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

Il-prodotti li għalihom għandha tintwera liċenzja ta' l-importazzjoni huma mniżżlin fl-Artikolu 1(2)(a) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 376/2008 (*). Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 24(3) u (4) ta' dan ir-Regolament, il-perjodu tal-validità tal-liċenzja ta' l-importazzjoni u l-ammont tal-garanzija li għandha tingħata għandhom ikunu dawk stabbiliti fil-Parti I ta' l-Anness II ta' dak ir-Regolament.

Għandhom japplikaw ir-Regolament (KE) Nru 376/2008 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 (**), sakemm ma jkunx hemm dispożizzjoni mod ieħor f'dan ir-Regolament.

(*) ĠU L 114, 26.4.2008, p. 3.
(**) ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13."

(2) Fl-Artikolu 3, il-paragrafi 1 u 3 huma mħassrin.

(3) Fl-Artikolu 24, għandhom jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"3. L-ebda applikazzjoni għal liċenzja jew għal ċertifikat m'għandha tiġi aċċettata sakemm ma tkunx ingħatat garanzija ta' 10 Ewro għal kull 100 kilogramma ta' piż nett tal-prodotti lill-korp kompetenti sa mhux aktar tard mis-1 ta' wara nofsinhar ta' dakinhar stess meta titressaq l-applikazzjoni.

4. Il-liċenzji għandhom ikunu validi mid-data attwali tal-ħruġ tagħhom fis-sens ta' l-Artikolu 22(2) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008 sa tmiem it-tielet xahar ta' wara dik id-data."

Artikolu 5

Iċ-ċereali u r-ross

Ir-Regolament (KE) Nru 1342/2003 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli ddettaljati speċifiċi għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzji ta' l-importazzjoni u ta' l-esportazzjoni u taċ-ċertifikati bl-iffissar bil-quddiem implimentata bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 376/2008 (*) għall-prodotti mniżżlin fil-Partijiet I u II ta' l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 (**).

2. Għandhom japplikaw ir-Regolament (KE) Nru 376/2008 u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 (***) u (KE) Nru 1454/2007 (****), sakemm ma jkunx hemm dispożizzjoni mod ieħor f'dan ir-Regolament.

(*) ĠU L 114, 26.4.2008, p. 3.
(**) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
(***) ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.
(****) ĠU L 325, 11.12.2007, p. 69."

(2) L-Artikolu 6 huwa mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 6*

1. Il-perjodu tal-validità tal-liċenzji ta' l-importazzjoni u ta' l-esportazzjoni għandu jkun kif ġej:

(a) għall-prodotti mniżżlin fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 376/2008, minbarra dawk li jaqgħu taħt il-punti b) u c) ta' dan il-paragrafu: kif imniżżel f'dak l-Anness;

(b) għall-prodotti importati jew esportati taħt il-kwoti tat-tariffa amministrati b'metodi oħrajn u mhux b'dak ibbażat fuq l-ordni kronoloġika ta' meta tressqu l-applikazzjonijiet, skond l-Artikoli 308a, 308b u 308c tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 (*) (skond il-prinċipju li min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel), ħlief fejn hemm dispożizzjoni mod ieħor: mid-data attwali tal-ħruġ tal-liċenzja, f'konformità ma' l-Artikolu 22(2) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008, sa tmiem it-tieni xahar ta' wara xahar dik id-data;

(ċ) għall-prodotti esportati li għalihom tkun ġiet iffissata rifużjoni u għall-prodotti li għalihom, dakinhar li tkun tressqet l-applikazzjoni għal-liċenzja, tkun ġiet iffissata taxxa fuq l-esportazzjoni: mid-data tal-ħruġ tal-liċenzja, f'konformità ma' l-Artikolu 22(1) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008, sa tmiem ir-raba' xahar ta' wara xahar dik id-data.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-liċenzji ta' l-esportazzjoni għall-prodotti msemmijin fis-Sezzjoni A tal-Parti II ta' l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 376/2008 li għalihom ma tkun ġiet iffissata l-ebda rifużjoni jew li għalihom ma tkun ġiet iffissata l-ebda rifużjoni bl-iffissar bil-quddiem, għandhom ikunu validi sa mhux aktar tard mis-sittin jum ta' wara d-data tal-ħruġ tal-liċenzja, f'konformità ma' l-Artikolu 22(1) ta' dak ir-Regolament.

3. B'deroga mill-paragrafu 1, il-liċenzji ta' l-esportazzjoni għall-prodotti li jaqgħu fi ħdan il-kodiċijiet tan-NM bin-numri 1702 30, 1702 40, 1702 90 u 2106 90 u li għalihom tkun ġiet iffissata rifużjoni għandhom ikunu validi sa mhux aktar tard minn:

(a) it-30 ta' Ġunju għall-applikazzjonijiet li jkunu tressqu sal-31 ta' Mejju ta' kull sena tas-suq;

(b) it-30 ta' Settembru għall-applikazzjonijiet li jkunu tressqu mill-1 ta' Ġunju ta' sena tas-suq sal-31 ta' Awwissu tas-sena tas-suq ta' warajha;

(ċ) it-30 jum mid-data tal-ħruġ tal-liċenzja għall-applikazzjonijiet li jkunu tressqu mill-1 ta' Settembru sat-30 ta' Settembru ta' l-istess sena tas-suq.

4. B'deroga mill-paragrafu 1, fuq talba min-naħa ta' l-operatur, il-liċenzji ta' l-esportazzjoni għall-prodotti li jaqgħu fi ħdan il-kodiċijiet tan-NM bin-numri 1107 10 19, 1107 10 99 u 1107 20 00 u li għalihom tkun ġiet iffissata rifużjoni għandhom ikunu validi sa mhux aktar tard minn:

(a) it-30 ta' Settembru tas-sena kalendarja attwali, fil-każ tal-liċenzji li jinħarġu bejn l-1 ta' Jannar u t-30 ta' April;

(b) tmiem il-ħdax-il xahar ta' wara d-data tal-ħruġ, fil-każ tal-liċenzji li jinħarġu bejn l-1 ta' Lulju u l-31 ta' Ottubru;

(ċ) it-30 ta' Settembru tas-sena kalendarja ta' wara, fil-każ tal-liċenzji li jinħarġu bejn l-1 ta' Novembru u l-31 ta' Diċembru.

5. It-Taqsima 22 tal-liċenzji maħruġin skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 2, 3 u 4 għandha tinkludi waħda mill-annotazzjonijiet imniżżlin fl-Anness X.

6. Meta jkun stabbilit perjodu ta' validità speċjali għal-liċenzji ta' l-importazzjoni għal prodotti li joriġinaw u jkunu ġejjin minn ċerti pajjiżi terzi, it-taqsimiet 7 u 8 ta' l-applikazzjonijiet tal-liċenzji u tal-liċenzji nfushom għandhom jispeċifikaw il-pajjiż jew il-pajjiżi minn fejn ikunu ġejjin il-prodotti u l-pajjiż jew il-pajjiżi ta' l-oriġini tagħhom. Il-liċenzji għandhom jobbligaw li l-importazzjoni ssir minn dak il-pajjiż jew minn dawk il-pajjiżi.

7. B'deroga mill-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008, id-drittijiet li jagħtu l-liċenzji msemmijin fil-paragrafi 1(b) u 4 ta' dan l-Artikolu m'għandhomx ikunu trasferibbli.

(*) ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1."

(3) L-Artikolu 7 huwa mħassar.

(4) L-Artikolu 8 huwa mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 8*

1. Il-liċenzji ta' l-esportazzjoni għall-prodotti li għalihom tkun ġiet iffissata rifużjoni jew taxxa għandhom jinħarġu fit-tielet jum tax-xogħol wara dak li fih tkun tressqet l-applikazzjoni, dejjem jekk, sadanittant, il-Kummissjoni ma tkun ħadet l-ebda azzjoni speċifika kif indikat fl-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament, fl-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1501/1995 jew fl-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1518/1995 (*), u dejjem jekk il-kwantità li għaliha jkunu tressqu l-applikazjonijiet għal-liċenzji tkun mgħarrfa f'konformità ma' l-Artikolu 16(1)(a) ta' dan ir-Regolament.

L-ewwel subparagrafu ma għandux jgħodd għal-liċenzji maħruġin b'konnessjoni mas-sejħiet għall-offerti jew għal-liċenzji msemmijin fl-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 376/2008 li jinħarġu għall-għanijiet ta' operazzjoni ta' għajnuna ta' l-ikel fis-sens ta' l-Artikolu 10(4) tal-Ftehim dwar il-biedja li kien konkluż bħala parti min-negozjati kummerċjali multilaterali tar-Round ta' l-Urugwaj (**). Dawk il-liċenzji ta' l-esportazzjoni għandhom jinħarġu fl-ewwel jum tax-xogħol wara dak li fih tkun ġiet aċċettata l-offerta.

2. Il-liċenzji ta' l-esportazzjoni għall-prodotti li għalihom ma tkun ġiet iffissata l-ebda rifużjoni jew taxxa għandhom jinħarġu dakinhar stess li titressaq l-applikazzjoni.

(*) ĠU L 147, 30.6.1995, p. 55.
(**) ĠU L 336, 23.12.1994, p. 22."

(5) L-Artikolu 9 huwa mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 9*

1. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi dan li ġej:

(a) li tistabbilixxi perċentwali ta' aċċettazzjoni għall-kwantitajiet li tkun tressqet applikazzjoni għalihom, imma li għalihom ikun għadhom ma nħarġux il-liċenzji;

(b) li tirrifjuta applikazzjonijiet li għalihom ikun għadhom ma nħarġux il-liċenzji ta' l-esportazzjoni;

(ċ) li twaqqaf it-tressiq ta' l-applikazzjonijiet għal-liċenzji għal massimu ta' ħamest ijiem tax-xogħol.

Il-waqfien imsemmi fil-punt (ċ) ta' l-ewwel subparagrafu jista' jiġi stabbilit għal perjodu itwal taż-żmien f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

2. Jekk il-kwantitajiet li tkun tressqet applikazjoni għalihom jitnaqqsu jew ikunu rrifjutati, il-garanzija mogħtija għal-liċenzja għandha tkun irrilaxxata minnufih għall-kwantitajiet mhux mogħtija.

3. L-applikanti jistgħu jirtiraw l-applikazzjonijiet tagħhom għal-liċenzja fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mill-pubblikazzjoni, fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, ta' perċentwali ta' aċċettazzjoni kif indikat fil-punt (a) tal-paragrafu 1 jekk dan ikun ta' anqas minn 80%. F'dan il-każ, l-Istati Membri għandhom jirrilaxxaw il-garanzija.

4. L-azzjonijiet li jittieħdu abbażi tal-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għall-esportazzjonijiet li jitwettqu sabiex jiġu implimentati l-miżuri Komunitarju u l-miżuri għall-għajnuna alimentari nazzjonali li dwarhom hemm dispożizzjonijiet fi ftehimiet internazzjonali jew fi programmi oħrajn supplimentari, jew sabiex jiġu implimentati miżuri oħrajn ta' provvista b'xejn mill-Komunità."

(6) L-Artikolu 11 huwa mħassar.

(7) L-Artikolu 12 huwa mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 12*

Il-garanzija msemmija fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008 li għandha tingħata f'konformità mat-Titolu III tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2220/85 (*), għandha tkun kif ġej:

(a) għall-prodotti mniżżlin fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 376/2008, minbarra dawk li jaqgħu taħt il-punti b) u ċ) ta' dan il-paragrafu: kif imniżżel f'dak l-Anness;

(b) għall-prodotti importati jew esportati taħt il-kwoti tat-tariffa, ħlief fejn hemm dispożizzjoni mod ieħor:

(i) għall-prodotti importati, 30 Ewro għal kull tunnellata;

(ii) għall-prodotti esportati mingħajr rifużjoni, 3 Ewro għal kull tunnellata;

(ċ) għall-prodotti esportati li għalihom tkun ġiet iffissata rifużjoni jew għal-liċenzji f'dak li għandu x'jaqsam ma' prodotti li għalihom, dakinhar li tkun tressqet l-applikazzjoni għal-liċenzja, tkun ġiet iffissata taxxa fuq l-esportazzjoni:

(i) għall-prodotti li jaqgħu fi ħdan il-kodiċijiet tan-NM bin-numri 1102 20, 1103 13, u 1104 19 50, 1104 23 10, 1108, 1702, u 2106, 20 Ewro għal kull tunnellata;

(ii) għall-prodotti l-oħrajn, 10 Ewro għal kull tunnellata.

(*) ĠU L 205, 3.8.1985, p. 5."

(8) L-Annessi I, II, III, XI, XII u XIII huma mħassrin.

(9) L-Anness X huwa mibdul bit-test ta' l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 6

L-alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola

Ir-Regolament (KE) Nru 2336/2003 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 5, il-paragrafu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. Il-prodotti li għalihom għandha tintwera liċenzja ta' l-importazzjoni huma mniżżlin fl-Artikolu 1(2)(a) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 376/2008 (*). Il-perjodu tal-validità tal-liċenzja ta' l-importazzjoni u l-ammont tal-garanzija li għandha tingħata f'konformità mat-Titolu III tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2220/85 (**) għandhom ikunu dawk stabbiliti fil-Parti I ta' l-Anness II tar-Regolament (KEE) Nru 376/2008].

(*) ĠU L 114, 26.4.2008, p. 3.
(**) ĠU L 205, 3.8.1985, p. 5."

(2) L-Artikoli 6 u 8 huma mħassrin.

Artikolu 7

Iż-żejt taż-żebbuġa

Ir-Regolament (KE) Nru 1345/2005 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 1, il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. L-importazzjonijiet ta' prodotti li jaqgħu fi ħdan il-kodiċijiet tan-NM bin-numri 0709 90 39, 0711 20 90 u 2306 90 19 li għalihom għandha tintwera liċenzja ta' l-importazzjoni huma mniżżlin fl-Artikolu 1(2)(a) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 376/2008 (*). Il-perjodu tal-validità tal-liċenzja ta' l-importazzjoni u l-ammont tal-garanzija li għandha tingħata għandhom ikunu dawk stabbiliti fil-Parti I ta' l-Anness II ta' dak ir-Regolament.

(*) ĠU L 114, 26.4.2008, p. 3."

(2) L-Artikolu 3 huwa mħassar.

Artikolu 8

Il-banana

Ir-Regolament (KE) Nru 2014/2005 huwa emendat kif ġej:

L-Artikolu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

"Artikolu 1

1. L-importazzjonijiet tal-banana bir-rata tad-dazju tat-tariffa doganali komuni li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi tan-NM bin-numru 0803 00 19 u li għalihom għandha tintwera liċenzja ta' l-importazzjoni huma mniżżlin fl-Artikolu 1(2)(a) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 376/2008 (*). Għaldaqstant, il-liċenzji għandhom jinħarġu mill-Istati Membri lil kwalunkwe applikant, irrispettivament mill-post fejn dan ikun stabbilit fil-Komunità.

2. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' l-importazzjoni għandhom jitressqu fi kwalunkwe Stat Membru.

3. Il-perjodu tal-validità tal-liċenzja ta' l-importazzjoni u l-ammont tal-garanzija li għandha tingħata f'konformità mat-Titolu III tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2220/85 (**) għandhom ikunu dawk stabbiliti fil-Parti I ta' l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 376/2008].

Madanakollu, l-ebda liċenzja m'hi se tkun valida wara l-31 ta' Diċembru tas-sena tal-ħruġ tagħha.

4. Ħlief f'każijiet ta' forza maġġuri (*force majeure*), il-garanzija għandha titneħħa totalment jew parzjalment jekk, matul dak il-perjodu, l-operazzjoni ma tkunx twettqet jew tkun twettqet biss b'mod parzjali.

5. Minkejja l-Artikolu 34(4) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008, għandha tingħata evidenza li l-liċenzja ta' l-importazzjoni tkun intużat, kif imsemmi fl-Artikolu 32(1)(a) ta' dak ir-Regolament, sa tletin jum wara d-data ta' meta jiskadi l-perjodu tal-validità tal-liċenzja, ħlief f'każijiet ta' forza maġġuri.

(*) ĠU L 114, 26.4.2008, p. 3.
(**) ĠU L 205, 3.8.1985, p. 5."

Artikolu 9

Iz-zokkor

Ir-Regolament (KE) Nru 951/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 5, il-paragrafu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. Il-prodotti li għalihom għandha tintwera liċenzja ta' l-esportazzjoni huma mniżżlin fl-Artikolu 1(2)(b) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 376/2008 (*).

Il-perjodu tal-validità tal-liċenzja ta' l-esportazzjoni u l-ammont tal-garanzija li għandha tingħata għandhom ikunu dawk stabbiliti fil-Parti II ta' l-Anness II ta' dak ir-Regolament u għandhom japplikaw għall-każijiet kollha li jissemmew fl-Artikolu 1(2)(b) ta' dak ir-Regolament.

(*) ĠU L 114, 26.4.2008, p. 3."

(2) Fl-Artikolu 8, il-paragrafi 1, 2 u 3 huma mħassrin.

(3) L-Artikolu 10 huwa mibdul b'dan li ġej:

"Artikolu 10

Il-prodotti li għalihom għandha tintwera liċenzja ta' l-importazzjoni huma mniżżlin fl-Artikolu 1(2)(a) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 376/2008.

Il-perjodu tal-validità tal-liċenzja ta' l-importazzjoni u l-ammont tal-garanzija li għandha tingħata għandhom ikunu dawk stabbiliti fil-Parti I ta' l-Anness II ta' dak ir-Regolament u għandhom japplikaw għall-każijiet kollha li jissemmew fl-Artikolu 1(2)(a) ta' dak ir-Regolament."

(4) Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Meta applikazzjoni għal-liċenzja għall-prodotti li għalihom japplika l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 tkun għal kwantitajiet ta' mhux iktar minn 10 tunnellati, il-persuna kkonċernata ma tistax tressaq iktar minn applikazzjoni waħda ta' dan it-tip fl-istess jum u lill-istess awtorità kompetenti u, għall-esportazzjoni, ma tistax tintuża iktar minn liċenzja waħda maħruġa għal kwantitajiet inqas minn 10 tunnellati."

(5) Fl-Artikolu 12, il-paragrafu 1 huwa mħassar.

Artikolu 10

Iż-żejt taż-żebbuġa tat-Tuneżija

Ir-Regolament (KE) Nru 1918/2006 huwa emendat kif ġej:

Fl-Artikolu 3, il-paragrafu 4 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"4. Il-liċenzji ta' l-importazzjoni għandhom ikunu validi għal sittin jum mid-data tal-ħruġ tagħhom, f'konformità ma' l-Artikolu 22(2) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008 (*), u l-ammont tal-garanzija għandu jkun ta' 15-il Ewro għal kull 100 kilogramm ta' piż nett.

(*) ĠU L 114, 26.4.2008, p. 3."

Artikolu 11

It-tewm

Ir-Regolament (KE) Nru 341/2007 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 5, il-paragrafu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. Il-prodotti li għalihom għandha tintwera liċenzja ta' l-importazzjoni huma mniżżlin fl-Artikolu 1(2)(a) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 376/2008 (*). Il-perjodu tal-validità tal-liċenzja ta' l-importazzjoni u l-ammont tal-garanzija li għandha tingħata għandhom ikunu dawk stabbiliti fil-Parti I ta' l-Anness II ta' dak ir-Regolament.

(*) ĠU L 114, 26.4.2008, p. 3."

(2) Fl-Artikolu 6, il-paragrafu 2 huwa mħassar.

(3) L-Artikolu 13 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa mibdul b'dan li ġej:

"2. L-Artikolu 6(3) u (4) għandu japplika *mutatis mutandis* għal-liċenzji tat-tip 'B'."

(b) il-paragrafu 4 huwa mħassar.

(4) L-Anness II huwa mħassar.

Artikolu 12

Ir-ross

Ir-Regolament (KE) Nru 1002/2007 huwa emendat kif ġej:

Fl-Artikolu 3, it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Madanakollu, il-garanzija għall-prodotti li jaqgħu fi ħdan il-kodiċijiet tan-NM bin-numri 1006 20 u 1006 30 m'għandhiex tkun inqas minn dik li dwarha hemm dispożizzjoni fl-Artikolu 12(b)(i) tar-Regolament (KE) Nru 1342/2003."

Artikolu 13

It-tuffieħ

L-Artikolu 134 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-paragrafu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

